

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE**Nru 11/2014****tal-14 ta' Frar 2014****li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni)
tal-Ftehim ŻEE**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 816/2013 tat-28 ta' Awwissu 2013 li jemenda l-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-użu tal-Kopolimeru tal-metakrilat newtrali u tal-Kopolimeru tal-metakrilat anjoniku f'supplimenti tal-ikel solidu u l-Anness għar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 231/2012 fir-rigward tal-ispeċifikazzjonijiet għall-Kopolimeru tal-metakrilat bażiku (E 1205), Kopolimeru tal-metakrilat newtrali u tal-Kopolimeru tal-metakrilat anjoniku ⁽¹⁾ għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.
- (2) Din id-Deċiżjoni tikkonċerna l-leġislazzjoni dwar prodotti alimentari. Il-leġislazzjoni li tirrigwarda l-prodotti alimentari ma tapplikax għal-Liechtenstein dment li l-applikazzjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar il-kummerċ ta' prodotti agrikoli tkun estiża għal-Liechtenstein, kif speċifikat fl-introduzzjoni tal-Kapitolu XII tal-Anness II tal-Ftehim ŻEE. Għaldaqstant, din id-Deċiżjoni ma għandhiex tapplika għal-Liechtenstein.
- (3) L-Anness II tal-Ftehim ŻEE għandu għalhekk jiġi emendat skont dan,

ADOPTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-inċiż li ġej jiddied mal-punt 54zzzzr (ir-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) u punt 69 (ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 231/2012) tal-Kapitolu XII tal-Anness II tal-Ftehim ŻEE:

— **32013 R 0816:** Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 816/2013 tat-28 ta' Awwissu 2013 (ĠU L 230, 29.8.2013, p. 1)."

Artikolu 2

It-testi tar-Regolament (UE) Nru 816/2013 bil-lingwa Islandiża u b'dik Norveġiża, li jridu jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' ma' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, jkunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fil-15 ta' Frar 2014, dment li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, u fis-Suppliment tiegħu.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Frar 2014.

Għall-Komitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Gianluca GRIPPA

⁽¹⁾ ĠU L 230, 29.8.2013, p. 1.

(*) L-ebda rekwiżiti kostituzzjonali ma huma indikati.